Permezz ta' l-ewwel motiv tagħha, il-Kummissjoni ssostni li, billi kkonstatat, minn naħa, li hija "naqset" milli tifformula l-ilment ta' l-appoġġar tal-pożizzjonijiet ta' Schneider u ta' Legrand fid-dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjonijiet tat-3 ta' Awwissu 2001 u, min-naħa l-oħra, li din il-formulazzjoni ma kienet tippreżenta "ebda diffikultà teknika partikolari", il-Qorti tal-Prim'Istanza injorat l-awtorità tar-*res judicata*, għamlet konstatazzjonijiet materjalment ineżatti, għawġet l-elementi ta' prova mressqa għall-evalwazzjoni tagħha u naqset mill-obbligu li timmotiva s-sentenzi tagħha.

Permezz tat-tieni motiv tagħha, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkwalifikat b'mod żbaljat il-fatti, wettqet żball ta' liġi u naqset milli twettaq l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni billi ddeċidiet li l-iżball proċedurali kkonstatat fis-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2002, Schneider Electric vs Il-Kummissjoni (T-310/01) jikkostitwixxi ksur "suffiċjentement serju" tar-regoli tad-dritt li għandhom bħala għan li jikkonferixxu drittijiet lill-individwi.

Permezz tat-tielet motiv tagħha, il-Kummissjoni tallega li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet konstatazzjonijet materjalment żbaljati, għawġet elementi ta' prova, ikkwalifikat b'mod żbaljat il-fatti in kwistjoni u wettqet żball ta' liġi billi ddeċidiet li teżisti "rabta kawżali suffiċjentement diretta" bejn in-nuqqas u t-tieni kap tad-dannu identifikat, jiġifieri l-konklużjoni antiċipata tan-negozjati ta' Schneider ma' Wendel-KKR fuq il-prezz tat-trasferiment ta' Legrand SA.

Permezz tar-raba' motiv tagħha, il-Kummissjoni tindika ksur, mill-Qorti tal-Prim'Istanza, ta' l-obbligu ta' motivazzjoni li hija għandha minħabba kontradizzjoni ta' motivi li tivvizja r-raġunament tagħha dwar ir-rabta kawżali li teżisti bejn in-nuqqas u d-differenti kapijiet tad-dannu identifikati.

Permezz tal-ħames motiv tagħha, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet konstatazzjonijet ta' fatt materjalment ineżatti, għawġet l-elementi ta' prova u wettqet żball ta' liġi billi ma kkonkludietx li Schneider ikkontribwiet għat-tieni kap kollu tad-dannu identifikat. Din l-impriża, fil-fatt, naqset b'diversi modi mid-dmir tagħha ta' diliġenza raġonevoli sabiex tevita d-dannu jew tillimita l-portata tiegħu, b'mod partikolari billi ma ressqitx azzjoni sommarja fir-rigward ta' l-obbligu ta' trasferiment ta' Legrand li hija ssostni li kienet is-suġġett tiegħu u billi għażlet li tittrasferixxi din l-impriża f'data fejn hija ma kienet madankollu suġġetta għal ebda obbligu f'dan is-sens.

Peremzz tas-sitt motiv tagħha, il-Kummissjoni tilmenta li l-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet *ultra petita*, injorat ir-regoli li jiregolaw l-oneru tal-prova u kisret id-drittijiet tad-difiża billi identifikat kap tad-dannu li ma kienx invokat mill-impriża rikorrenti.

Fl-aħħar nett, permezz tas-seba' u l-aħħar motiv tagħha, il-Kummissjoni tallega li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi billi tat lil Schneider interessi kumpensatorji mill-akkumulazzjoni ta' mgħax tat-tieni kap tad-dannu, fl-10 ta' Diċembru 2002.

---

**Appell imressaq fit-28 ta' Settembru 2007 minn Clara Centeno Mediavilla, Delphine Fumey, Eva Gerhards, Iona M. S. Hamilton, Raymond Hill, Jean Huby, Patrick Klein, Domenico Lombardi, Thomas Millar, Miltiadis Moraitis, Ansa Norman Palmer, Nicola Robinson, François-Xavier Rouxel, Marta Silva Mendes, Peter van den Hul, Fritz Von Nordheim Nielsen, Michaël Zouridakis kontra s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla Estiża), fil-11 ta' Lulju 2007, fil-Kawża T-58/07, Centeno Mediavilla *et.* vs Il-Kummissjoni tal-Kommunitajiet Ewropej**

**(Kawża C-443/07 P)**

(2008/C 22/39)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Isabel Clara Centeno Mediavilla, Delphine Fumey, Eva Gerhards, Iona M. S. Hamilton, Raymond Hill, Jean Huby, Patrick Klein, Domenico Lombardi, Thomas Millar, Miltiadis Moraitis, Ansa Norman Palmer, Nicola Robinson, François-Xavier Rouxel, Marta Silva Mendes, Peter van den Hul, Fritz Von Nordheim Nielsen, Michaël Zouridakis (rappreżentanti: G. Vandersanden u L. Levi, avukati)

*Partijiet oħra fil-kawża:* Il-Kummissjoni tal-Kommunitajiet Ewropej, Il-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej

**Talbiet**

— tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tal-11 ta' Lulju 2007 fil-Kawża T-58/05;

— konsegwentement, tagħti lir-rikorrenti l-benefiċċju tat-talbiet li ressqu fl-ewwel istanza, u għaldaqstant

  — tannulla l-klassifikazzjoni fil-grad mogħti lir-rikorrenti fid-deċiżjonijiet relattivi għall-impjieg tagħhom safejn il-klassifikazzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 12(3) ta' l-Anness XIII tar-Regolament tal-Persunal il-ġdid;

  — terġa' tistabbilixxi l-karriera tar-rikorrenti (li jinkludi l-iżvilupp ta' l-esperjenza tagħhom fil-grad kif irrettifikat, id-drittijiet għal promozzjoni tagħhom u d-drittijiet għal pensjoni tagħhom), mill-grad li fih kellhom jiġu maħtura abbażi ta' l-avviż tal-kompetizzjoni abbażi ta' liema huma ġew imniżżla fuq il-lista ta' riżerva tal-ħatra, kemm fil-grad imsemmi f'dan l-avviż ta' kompetizzjoni jew inkella fil-grad li jikkorrispondi għall-ekwivalent tiegħu skond il-klassifikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġdid (u fl-iskala xierqa b'mod konformi mar-regoli li kienu japplikaw qabel l-1 ta' Mejju 2004), b'effett mid-Deċiżjoni tal-ħatra tagħhom;

— tagħti lir-rikorrenti l-benefiċċju ta' interessi għad-dewmien abbażi tar-rata stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew fuq it-total tas-somom li jikkorrispondu għad-differenza bejn it-trattament li jikkorrispondi għall-klassifikazzjoni tagħhom skond id-deċiżjoni tal-ħatra u l-klassifikazzjoni li għaliha kellhom ikunu intitolati sad-data ta' meta tingħata d-deċiżjoni ta' klassifikazzjoni regolari fil-grad.

— tordna lill-konvenuta tbati l-ispejjeż kollha tal-prim'istanza u ta' l-appell.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Wara li osservaw, b'mod preliminari, li fis-sentenza kkontestata l-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat lir-rikorrenti b'mod globali, mingħajr ma ħadet in kunsiderazzjoni s-sitwazzjoni partikolari ta' kull wieħed minnhom, u li din ibbażat ruħha fuq il-premessa, li huma jikkontestaw, li tgħid li l-legalità tal-klassifikazzjoni fil-grad tagħhom tista' biss tiġi evalwata b'effett mid-data tal-ħatra tagħhom, ir-rikorrenti invokaw żewġ motivi in sostenn ta' l-appell tagħhom.

Permezz ta' l-ewwel motiv, dawn ir-rikorrenti jilmentaw li l-Qorti tal-Prim'Istanza ħadet żball meta ddeċidiet favur il-legalità ta' l-Artikolu 12(3) ta' l-Anness XIII tar-Regolament tal-Persunal. F'dan ir-rigward, huma jinvokaw, fl-ewwel lok, il-ksur min-naħa tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Persunal il-qadim, safejn din assimilat is-sostituzzjoni tal-gradi rilevanti f'dan il-każ ma' arranġament "puntwali" tad-dispożizzjonijiet tranżitorji lejn l-istruttura l-ġdida tal-karriera, li tiġġustifika in-nuqqas ta' konsultazzjoni ġdida tal-Kumitat tar-Regolament tal-Persunal, filwaqt li l-konsegwenzi, b'mod partikolari finanzjarji, ta' din is-sostituzzjoni tal-gradi fuq is-sitwazzjoni tal-persuni kkonċernati huma konsiderevoli u jiġġustifikaw ħafna l-konsultazzjoni ta' l-imsemmi Kumitat.

In sostenn ta' dan l-istess motiv, ir-rikorrenti jinvokaw, fit-tieni lok, ksur tal-prinċipju tad-drittijiet miksuba. Kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Prim'Istanza, il-kwistjoni rilevanti f'dan il-każ, ma kinitx dik ta' l-eżistenza ta' dritt miksub għal ħatra, iżda ta' dritt miksub għal klassifikazzjoni f'każ ta' ħatra. Għalkemm mhuwiex ikkontestat li avviż ta' kompetizzjoni u t-tniżżil f'lista ta' kandidati ma jagħtux id-dritt għall-ħatra, madankollu dan l-avviż u dan it-tniżżil joħolqu dritt għall-parteċipanti fil-kompetizzjoni u, *a fortiori*, għal dawk li huma mniżżla fil-lista tal-gradwati, li jiġu ttrattati b'mod konformi ma' l-avviż tal-kompetizzjoni. Dan id-dritt huwa l-kontroparti ta' l-obbligu li l-AIPN għandha li tirrispetta l-kuntest li tkun imponiet fl-avviż tal-kompetizzjoni u li jikkorrispondi mal-ħtiġiet tal-postijiet li għandhom jimtlew u ma' l-interess tas-servizz.

Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza kisret il-prinċipju ta' l-ugwaljanza fit-trattament meta għamlet distinzjoni bejn il-gradwati tal-kompetizzjoni maħtura qabel l-1 ta' Mejju 2004 u dawk li ġew maħtura wara din id-data peress li, f'kull każ, il-karattru ipotetiku tal-ħatra tal-gradwati ta' kompetizzjoni ma jiksirx id-dritt tagħhom li jibbażaw ruħhom, fil-każ ta' ħatra effettiva, fuq il-kriterji ta' klassifikazzjoni stabbiliti mill-avviż tal-kompetizzjoni u applikabbli, minħabba f'hekk, għall-ħatra tal-gradwati kollha ta' din il-kompetizzjoni. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza bl-ebda mod ma għamlet evalwazzjoni tal-ġustifikazzjoni eventwali tad-differenza fit-trattament magħmulha bejn iż-żewġ kategoriji ta' uffiċjali in kwistjoni.

Fir-raba' lok, ir-rikorrenti jinvokaw ksur tal-prinċipju ta' l-aspettativi leġittimi kif ukoll żnaturament ta' l-elementi ta' prova min-naħa tal-Qorti tal-Prim'Istanza. Fil-fatt, il-fajl imressaq quddiem din il-Qorti kien fih ħafna elementi li kienu ta' natura tali li jsaħħu t-teżi li tgħid li r-rikorrenti effettivament irċevew assigurazzjonijiet preċiżi fir-rigward tal-ħatra tagħhom fil-grad imsemmi fl-avviż tal-kompetizzjoni.

Fl-aħħar, fil-ħames u s-sitt lok, ir-rikorrenti jilmentaw li l-Qorti tal-Prim'Istanza injorat il-portata ta' l-Artikoli 5, 7 u 31 tar-Regolament tal-Persunal, u li, f'dan ir-rigward, naqset ukoll mill-obbligu tal-motivazzjoni impost fuq il-Qrati Komunitarji.

Barra minn hekk, permezz tat-tieni motiv, ir-rikorrenti jikkontestaw is-sentenza kkontestata safejn din tiċħad l-appelli mressqa kontra d-deċiżjonijiet li jirrigwardaw il-ħatra ta' l-imsemmija rikorrenti minħabba li, għalkemm il-konvenuta naqset mill-obbligu tagħha ta' informazzjoni bil-quddiem, dan in-nuqqas mhuwiex ta' natura tali li jwassal, minnhu nnifsu, għall-illegalità tad-deċiżjonijiet ikkontestati. F'dan ir-rigward, huma jinvokaw il-ksur konġunt tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, ta' premura, ta' trasparenza, ta' aspettativi leġittimi, ta' buona fede, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' ugwaljanza bejn l-impjieg u l-grad.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Il-Belġju) fl-24 ta' Ottubru 2007 — Association générale de l'industrie du médicament ASBL, Bayer SA, Servier Benelux SA, Janssen Cilag SA, Pfizer SA vs L-Istat Belġjan — Intervenjenti: Sanofi-Aventis Belgium SA**

**(Kawża C-471/07)**

(2008/C 22/40)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Conseil d'État

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Association générale de l'industrie du médicament ASBL, Bayer SA, Servier Benelux SA, Janssen Cilag SA, Pfizer SA.

*Konvenut:* L-Istat Belġjan.